# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 3/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Clyde Zahra**

Illum 30 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellat **Clyde Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 57290(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Frar 2006 u matul is-sitt xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

[1] *A fol.* 22.

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lil persuna/i jew għal persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. ikkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' 100 metru mill-parametru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu z-żgħażagħ, jew

ir-reat ikkonsista fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni, jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti lil minuri;

4. fil-25 ta' Frar 2006, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Daniel Abela ta' 16-il sena, bin Joseph u l-mejta Mary neé Abela, residenti 89, Rainbow, Triq il-Kbira, Żejtun, u detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 242389(M), u dan bi ksur ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2013 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Jannar 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tħassar** is-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u ssib lill-appellat Clyde Zahra ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm (*a fol.* 448A *et seq.* u *a fol.* 469 *et seq.*) li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u minflok issib l-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u sabiex tinfliġġi piena skont il-liġi.

Illi dan il-każ jorbot mal-fatt li fis-26 ta' Frar 2006 għal ħabta tal-4.30am fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar waslet informazzjoni mid-Dipartiment tal-Emerġenza li Marsascala kien hemm ġuvnott ta' sittax (16)-il sena li wara rriżulta li kien Daniel Abela li kien qed isofri minn *overdose*.

Illi l-vittma ġie akkumpanjat fl-iSptar San Luqa fejn ġie nvistat minn tabib u ġie dikjarat li kien fil-periklu tal-mewt u eventwalment miet. Waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija, missier il-vittma kien ikkonferma li ibnu kien jabbuża mid-droga. Ħu l-vittma jispjega li għall-10.00pm tal-25 ta' Frar 2006 kien sab lil ħuh mitluf minn sensieħ u li kien injettalu xi ilma bil-melħ. Jidher li l-vittma kien reġa' ġie f'tiegħu iżda aktar tard reġa' intilef minn sensieħ u għalhekk ħuh kien talab l-għajnuna.

Illi sussegwentement waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija tad-distrett flimkien mal-Pulizija ta' kontra d-droga ġie nterrogat l-appellat fejn dan irrilaxxa stqarrija dwar l-allegat involviment tiegħu.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq numru ta' punti u din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom.

Qabel ma tidħol fil-mertu tal-appell, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi permezz tal-<u>aggravju</u> mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta skartat l-istqarrija mogħtija mill-appellat meta dan ma kienx assistit minn avukat. Jargumenta li filwaqt li l-ġurisprudenza nostrana tgħallem li meta tittieħed stqarrija ta' minorenni mingħajr l-assistenza ta' avukat din tikser il-jeddijiet fundamentali iżda daqstant ieħor jirriżulta mill-ġurisprudenza lokali li mhux kull stqarrija meħuda mingħajr l-assistenza ta' avukat hija rrimedjabilment ippreġudikata. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-Qorti trid tiddeċiedi mill-assiem tal-provi.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jgħid li l-istqarrija tal-appellat ma tistax tittieħed bħala prova iżolata. Jispjega li [meta ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell – fis-sena 2014!] il-pożizzjoni kienet li l-istqarrija kienet tiġi skartata meta kienet tkun l-unika prova kontra l-akkużat. Jgħid li f'dan il-każ l-istqarrija ma hijiex l-unika prova iżda hemm provi ċirkostanzjali. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti wettqet evalwazzjoni skorretta tal-provi meta hija qalet li għajr għall-istqarrija ma hemm l-ebda prova li torbot lill-appellat mal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Jirreferi għal fatt li f'dan il-każ l-istqarrija hija suffragata minn evidenza oħra u jirreferi għar-rapport ta' Dr. Martin Bajada fejn fil-messaġġi li għaddew bejn l-appellat u l-vittma jirriżulta li dawn ftehmu li jiltaqgħu ħdejn il-ġibjun taż-Żejtun. Jirreferi għal dak li sab PC 246 Vincent Cesare fuq il-ġibjun fejn l-affarijiet li nstabu jidhru li huma marbuta mat-teħid tad-droga. L-appellant jirreferi wkoll għas-sentenza appellata fejn din allegatament tgħid li l-istqarrija ġiet korroborata minn provi oħra.

Illi din il-Qorti tinnota li l-argument prinċipali tal-appellant Avukat Ġenerali huwa marbut mal-istqarrija rilaxxata mill-appellat li ġiet skartata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jargumenta li minħabba li l-istqarrija in kwistjoni hija korroborata minn provi oħra din ma kellhiex tiġi skartata. Minn naħa tiegħu, l-appellat jargumenta li meta huwa ta l-istqarrija huwa kien minorenni u li l-ġenituri tiegħu ma kienux infurmati u lanqas ma kellu assistenza legali.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-appellat (*a fol.* 4) jiriżulta li huwa twieled fil-21 ta' Jannar 1990. B'hekk jirriżulta li meta ta l-istqarrija tiegħu huwa kien għadu minuri. Dwar l-istqarrija mingħajr l-assistenza tal-avukat, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. L-Avukat tal-Istat** (Numru 176/2019) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> "26. Kif diġa' issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur

tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u aktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-*'overall fairness'* tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium

tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija."

Illi jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija aktar riċenti. In fatti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah**[2] (Numru 10/2008) ingħad is-segwenti:

*"The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular*

[2] Din is-sentenza għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1).

*circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."*

Illi minkejja dak li ngħad fis-sentenza appena kkwotata, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u li dwaru qed tingħata din is-sentenza jirriżulta li l-istqarrija ġiet rilaxxata ferm qabel Frar 2010 tant li l-appellat allura imputat ġie mressaq taħt arrest sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu fi Frar 2006. Għandu jingħad li qabel Frar 2010 kien iz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta għal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat. Apparti minn dan, jirriżulta li l-appellat kien għadu minuri u ma kien hemm ħadd mill-ġenituri tiegħu miegħu waqt li kienet qed titteħidlu l-istqarrija. L-appellat seta' jitqies li huwa vulernabbli tant li, fost l-oħrajn, mill-fedina penali tiegħu (*a fol.* 5) eżebita quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li huwa kellu kondotta kompletament nadifa jiġifieri lanqas jista', għall-grazzja tal-argument, jiġi argumentat li huwa kellu xi għarfien ta' proċeduri legali li persuna midħa tal-kriminalita' jista' jkollha!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb meta skartat l-istqarrija tal-appellat u b'hekk sa fejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-użu tal-istqarrija mogħtija mill-appellat, dan qed jiġi miċħud.

Illi din il-Qorti fliet ukoll bir-reqqa l-atti kollha tal-każ minn liema atti, kif għamlet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ser tiskarta d-dikjarazzjonijiet li għamel l-appellat meta sar l-aċċess fuq il-ġibjun minħabba li huwa ma kellux l-għarfien u l-assistenza neċessarja.

Illi l-unika prova li jifdal ta' ċertu sustanza huwa r-rapport ta' Dr. Bajada. Mill-messaġġi bejn l-appellat u l-vittma li hemm fl-atti proċesswali jirriżulta li kien hemm xi ħaġa għaddejja bejniethom iżda aktar minn hekk ma jirriżulta xejn. Huwa veru li l-Ewwel Qorti qalet li hija konvinta li l-appellat kien involut fir-reat iżda dan mhux biżżejjed sabiex persuna tinstab ħatja. Li jeħtieġ huwa li l-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi mresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat."

Illi f'dan il-każ din il-Qorti hija rinfaċċjata bil-fatt li l-istqarrija tal-appellat allura imputat ġiet skartata u minħabba f'hekk ma hemmx prova li torbot lill-istess appellat mar-reati imputati lilu. Tenut kont ta' dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi u għalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**